



Brussell, 25 ta' Frar 2019
(OR. en)

6631/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0106(COD)**

FREMP 26	ENFOCUSTOM 39
JAI 164	AGRI 90
TELECOM 74	ETS 8
COMPET 159	SERVICES 17
RC 6	TRANS 121
CONSOM 72	FISC 111
DAPIX 69	SAN 98
DATAPROTECT 57	ENV 167
DROIPEN 23	GAF 25
FIN 159	ATO 22
EMPL 77	CYBER 49
MI 179	COPEN 65
PI 36	POLGEN 34
SOC 109	INF 28
CODEC 487	ANIMAUX 8

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni: Rapport ta' progress

Introduzzjoni

1. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-FREMP tat-12-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni ("Id-Direttiva dwar l-Informaturi").
2. Il-proposta ġiet diskussa fil-laqgħat tal-FREMP tat-12-13 ta' Lulju, l-10-11 u d-19 ta' Settembru, id-19 ta' Ottubru, il-5, il-15-16 u s-26 ta' Novembru, it-3, it-12 u s-17 ta' Diċembru 2018, l-10 ta' Jannar, it-13 ta' Frar 2019 u mill-Kunsillieri ĠAI fit-8, l-14 ta' Jannar, is-6, id-19, il-21 u s-26 ta' Frar 2019. Sal-preżent twettqet ħidma intensiva fil-livell tekniku u sa issa inkiseb progress mhux ħażin.

3. Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Jannar 2019, il-Coreper qabel dwar it-test tal-proposta msemija hawn fuq kif tinsab fl-Anness għad-dok. 5747/19 bħala bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew. Id-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Bulgara u dik Ungeriża daħħlu dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Coreper (5747/19 ADD 1).
4. In-negozjati mal-Parlament Ewropew bdew fid-29 ta' Jannar 2019 bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari dwar dan il-fajl qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju li ġej. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, in-negozjati għandhom jintemmu sa nofs Marzu, sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jivvota dwar it test kif maqbul fl-aħħar Plenarja tiegħu tal-15-18 ta' April 2019.

Proċedimenti fi ħdan il-Kunsill

5. Sa mill-bidu tal-proċedura legiſlattiva, id-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni u esprimew l-appoġġ tagħhom għal din l-inizjattiva. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma kompetenti wasslu għal qbil dwar għadd ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni li kellhom l-għan li jiggarrantixxu livell għoli ta' protezzjoni għall-persuni li jirrappurtaw.
6. Il-modifiki prinċipali introdotti fil-proposta mill-Kunsill kellhom l-għan li jissimplifikaw il-bażi legali, jiċċaraw il-kondizzjonijiet għall-protezzjoni tal-persuni li jirrappurtaw, inkluż l-użu ta' kanali interni u esterni u l-kondizzjonijiet għall-iżvelar pubbliku. L-emendi ulterjuri ċċaraw ir-relazzjoni ta' dan l-istrument ma' legiſlazzjoni applikabbli settorjali oħra tal-Unjoni, issimplifikaw l-obbligi li huma d-dmir tal-awtoritajiet kompetenti u pprevedew regoli aktar ċari dwar il-kunfidenzjalità.

Kwistjonijiet prinċipali fin-negozjati mal-Parlament Ewropew

7. Matul -in-negozjati mal-Parlament Ewropew, ġew identifikati dawn il-kwistjonijiet ewlenin: il-kamp ta' applikazzjoni materjali, il-kamp ta' applikazzjoni personali u l-użu ta' kanali ta' rapportar.

A. Kamp ta' applikazzjoni materjali

Taħt din l-intestatura, hemm diversi kwistjonijiet relatati li għad jeħtieġ jiġu solvuti. Il-kwistjoni prinċipali pendent tikkonċerna t-talba tal-Parlament Ewropew li mal-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-proposta tiżdied il-protezzjoni tal-ħaddiema (l-Artikoli 153 u 157 TFUE). Barra minn hekk, għandu jinstab qbil dwar l-istatus tal-Anness li jinkludi l-lista tal-atti leġislattivi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Il-Parlament Ewropew talab li l-Anness ikun indikattiv u mhux eżawrjenti bħal ma hu fil-proposta tal-Kummissjoni u t-test tal-Kunsill. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew qajjmet tħassib legali għas-Servizz Legali tal-Kunsill. Għalhekk, l-Istati Membri qablu li l-bażi legali tkun kemm jista' jkun wiesa' filwaqt li t-test jinżamm legalment sod.

B. Kamp ta' applikazzjoni personali

Il-kategoriji ta' persuni li għandhom ikunu protetti skont din id-Direttiva kif propost inizjalment mill-Kummissjoni kienu aċċettabbli kemm għall-Kunsill kif ukoll għall-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew estenda l-kamp ta' applikazzjoni personali ulterjorment biex ikopri lill-faċilitaturi u assimilhom b'mod wiesa' mal-persuni li jirrappurtaw. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar l-estensjoni tas-sistema tal-protezzjoni ta' dan il-grupp ta' persuni minħabba li mhum iex meħtieġa li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-protezzjoni stabbiliti fl-abbozz ta' Direttiva. B'kuntrast, it-test tal-Kunsill jipprevedi l-protezzjoni kontra r-ritaljazżjoni tal-hekk imsejjħa konsulenti kunfidenzjali li jkunu assistew jew taw parir lill-persuna li tirrapporta u għal din ir-raġuni jkunu ġarrbu ritaljazżjoni minn min iħaddimhom. Hawnhekk jista' jintlaħaq qbil peress li l-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew huma pjuttost sostanzjalment konverġenti.

C. L-użu ta' kanali ta' rapportar

L-approċċ tal-Kunsill isegwi l-approċċ propost inizjalment mill-Kummissjoni jiġifieri li bħala regola ġenerali jinżamm l-obbligu għall-persuna li tirrapporta li l-ewwel tirrapporta lill-kanal intern. It-test tal-Kunsill jipprevedi derogi għal din ir-regola fejn ir-rapportar intern la ma jkun possibbli u lanqas ma jkun rakkomandabbli għall-persuna li tirrapporta. Fuq dan l-isfond, il-Parlament Ewropew jixtieq li jħalli l-għażla f'idejn il-persuna li tirrapporta li tiddeċiedi jekk hu/hi tixtieqx tuża l-kanal intern jew li tindirizza r-rapport direttament lill-kanal estern. Fil-fehma tal-Parlament, il-persuna li tirrapporta hija fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel dik il-valutazzjoni. Din tkun il-kwistjoni politika prinċipali li għaliha għandu jinstab approċċ ibbilanċjat sabiex tkun aċċettabbli għaż-żewġ koleġislaturi.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, il-ħidma fil-livell tekniku miexja 'l quddiem sabiex jinstabu l-aktar soluzzjonijiet ta' kompromess adatti, pereżempju: informazzjoni akkwistata legalment/responsabbiltà penali; każijiet minuri u każijiet li jaffettwaw d-drittijiet individwali.

Konklużjoni

8. Minħabba ż-żmien limitat biex jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew attwali, il-partijiet kollha għan-negozjati jeħtieġ li juru flessibbiltà, inkluż dwar il-kwistjonijiet ewlenin imsemmija hawn fuq.
9. Il-Coreper/Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.